**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Mejju, 2017

Rikors Konguntiv Nru : 85/17AL

**A B C**
**u**
**D B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

> Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija, tmienja u disgħin (1998), u minn dan iż-żwieġ l-esponenti kellhom żewġt (2) itfal, M li twieled nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), u N illi twieldet nhar l-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (14/09/2007).
>
> Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'att ippubblikat minn Nutar John Gambin, mill-erbgħa (4) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax

(2012), (anness Dok B), kif sussegwentement emendat permezz ta' l-att tan-Nutar Sam Abela tal-Ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2016 (anness Dok C).

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom erba' (4) snin mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra l-esponenti A B C fforma ukoll rabtiet ma' terzi;

Illi il-manteniment dovut sia lill-esponenti mara, kif ukoll lill-ulied minuri, huwa regolat bl-imsemmija atti pubbliċi, u qiegħed jitħallas regolarment, u ma hemm l-ebda arretrati x'jitħallsu;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija, tmienja u disgħin (1998) bejn il-partijiet ; u;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għall daqsekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-4 ta' Dicembru 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.